MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 301/2005

**Dolceria Italiana Limited**

**vs**

**Natalie Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mitejn, u erbgha u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM4,254.50,0), ekwivalenti ghal €9911.94, rapprezentanti somom ta' flus frawdolentement sottratti

mill-konvenuta a dannu tas-socjeta' attrici tul l-impjieg taghha ma' l-istess socjeta' attrici;

2. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz u bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat, fil-konfront tal-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Dicembru tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta tichad illi waqt l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici hadet xi somom ta' flus b'mod frawdolenti ghad-dannu ta' l-istess socjeta' attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont hekk mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv;

3. B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenuta datat it-8 ta' Marzu tas-sena 2006 li permezz tieghu irtira l-ewwel eccezzjoni minnu sollevata, (ara fol 18);

Rat ukoll il-verbal ta' l-istess rapprezentant legali tal-konvenuta datat il-11 ta' Lulju tas-sena 2006 li permezz tieghu informa lill-qorti li kien qieghed jirrikonoxxi bhala veritier dokumenti pprezentati mix-xhud John Muscat fl-affidavit tieghu, (ara fol 53 et sequitur);

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici topera forn u hanut tal-helu bl-isem ta' "Bread Mill", fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, u hemm hekk timpjega diversi persuni u fosthom kien hemm il-konvenuta Spiteri ghall-perjodu bejn wiehed u iehor minn Jannar tas-sena 2003 sa Jannar tas-sena 2004, (ara fol 56 u 30);

2. Illi ghal bidu l-konvenuta kienet assenjata xoghol wara l-bank minn fejn kien ikollha x'taqsam biss ma' l-oggetti li kienu jinbieghu mill-imsemmi hanut izda aktar tard, kienet assenjata fuq il-"cash", (ara fol 30);

3. Illi l-hanut de quo kien jopera ghall-pubbliku bejn is-6.00am sa l-10.00pm u l-impjegati kienu maqsumin fi tlett turni: Turn 'A": mis-6.00a.m. sas-1.00p.m.; Turn "B": mis-1.00p.m. sal-5.00p.m. u Turn "C": mill-5.00p.m. sat-8.00p.m.

4. Illi ovvjament din is-sistema kienet tithaddem bi flessibilita' skond l-esigenzi tal-haddiema;

5. Illi fuq suspetti fondati li kien hemm, l-amministrazzjoni tal-hanut de quo regghu baghtu lill-konvenuta fuq il-bank fejn kellha x'taqsam biss ma' l-oggetti li kienu jinbieghu u mhux ma' flus, izda wara ftit jidher li dan m'ghogobhiex u rrizenjat mill-impjieg;

6. Illi l-operat tal-konvenuta gie skopert ghaliex meta kienet fuq il-"cash" il-magna li kienet topera mhux biss kienet tforni ricevuta li tkun ipprezentata lix-xerrej izda kienet tforni wkoll dak li jissejjah "Z Reading";

7. Illi dan iz-"Z Reading" ma huwa xejn hlief rapport fiskali li jkun fiha d-dettalji kollha tal-bejgh li jkun sar fil-"cash register" in dizamina;

8. Illi dan il-qari dettaljat isir bl-iskop li meta jispicca "shift" isiru l-verifiki necessarji biex ma jkun hemm l-ebda forma ta' dizgwid bejn l-impjegati li jahdmu fuq l-istess registru;

9. Illi minn verifiki dettaljati ta’ dawn id-dokumenti li gew anke depozitati fl-atti ta’ din il-procedura, irrizulta li l-konvenuta kienet qed izzomm flejjes li kienu strettament dovuti lis-socjeta’ attrici ghall-oggetti mixtrija mill-hanut in dizamina;

10. Illi meta giet skoperta din il-manuvra irrizulta li l-konvenuta kienet gia’ immisaproprijat l-ammont indikat fl-avviz promotur, ekwivalenti ghal disat elef, disa’ mija u hdax –il elf Ewro u erba’ u disghin centezmu, (€ 9,911.94);

11. Illi ghalkemm il-konvenuta ma taqbilx ma’ dan l-ammont dan jirrizulta li hu minnu mid-dokumenti esebiti, li gew ukoll rikonoxxuti bhala veritieri mir-rapprezentant legali tal-konvenuta stess, (ara fol 53);

12. Illi l-konvenuta gia ghaddiet minn proceduri legali ta’ natura kriminali fir-rigward, (ara fol 19 et sequitur);

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenuta Natalie Spiteri bhala debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ disat elef, disa’ mija u hdax –il Ewro u erba’ u disghin centezmu, (€9,911.94);

2. Tikkundanna lill-imsemmija konvenuta biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta’ attrici, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------